## 27 ta' Ottubru, 1955

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

Il-Maestà Tagħha r-Reġina *versus* Manwel Mercieca

### Omiċidju — Leġittima Difiża — Verdett — Nullità.

*Verdett tal-ġurati li bih l-akkużat ta' omiċidju volontarju jiġi dikjarat mhux ħati skond l-att ta' l-akkuża, imma ħati li eċċeda l-leġittima difiża, ifisser li l-akkużat ġie dikjarat ħati tad-delitt minħabba eċċess ta' leġittima difiża.*

*U għalhekk mhix attendibbli l-eċċezzjoni tad-difiża li l-verdett tal-ġurati f'każ simili eskluda l-att ta' l-akkuża, u li b'hekk ġie eskluż ukoll ir-reat dedott.*

Il-Qorti; — Rat in-nota ta' l-akkużat, li biha ssottometta illi, kif inhu konċepit il-verdett, ma hemmx indikat ir-reat li għalih hemm l-eċċess tad-difiża, u għalhekk ma jistax ikun hemm kundanna. Il-ġurati eskludew l-att ta' l-akkuża, u b'hekk huwa eskluż ir-reat dedott;

Rat ir-risposta ta' l-Attorney General, li biha qal li huwa ċar li fil-kontest ta' l-eċċezzjonijiet stess il-verdett huwa sostanzjalment ġust. Anki d-difiża qablet ma' dan qabel ma ġew liċenzjati l-ġurati; u għalhekk l-eċċezzjoni issa sollevata hija serotina;

Trattat l-inċident;

Ikkunsidrat;

Illi l-verdett hu konċepit f'dawn it-termini: "Aħna l-ġurati, bi tmien voti kontra wieħed, insibu lill-akkużat Manwel Mercieca mhux ħati skond l-att ta' l-akkuża, imma ħati li eċċeda d-difiża leġittima";

Illi hu ċar b'dan il-verdett illi l-ġurati rritenew lill-akkużat mhux pjenament responsabbli ta' omiċidju volontarju skond l-att ta' l-akkuża, imma ħati ta' dak id-delitt b'res-

ponsabbiltà *minorata*, ċjoè skużabbli minħabba eċċess ta' leġittima difiża. F'dan is-sens biss jista' jiftiehem li l-ġurati ddikjaraw l-akkużat mhux ħati fl-ewwel parti tal-verdett u ħati fit-tieni parti ta' l-istess verdett;

Illi dan il-verdett jirrispekkja waħda mill-eċċezzjonijiet tad-difiża, illi ċjoè l-akkużat huwa ħati, iżda skużabbli minħabba eċċess ta' difiża;

Illi, del resto, l-istess difensur, wara li l-ġuri ta l-verdett tiegħu, iddikjara illi dan il-verdett kellu preċiżament jiftiehem fis-sens li l-akkużat kien ħati ta' omiċidju volontarju skużabbli minħabba eċċess ta' difiża. Tant hu hekk illi d-difensur ta' l-akkużat, wara li l-Qorti lliċenzjat il-ġuri, għamel l-osservazzjonijiet tiegħu dwar il-piena, u b'hekk għaddla għal stadju li huwa ulterjuri għal dak tad-determinazzjoni tal-ħtija ta' l-akkużat, kif jidher mill-art. 502 Kap. 12;

**Għal dawn il-motivi;**

**Tiddeċidi billi tirrespinġi** l-eċċezzjoni sollevata mid-difiża.

* * *

Il-Qorti; — Rat l-att ta' l-akkuża nru. 9145;

Rat il-verdett tal-ġurati, li bi tmien voti kontra wieħed sabu lill-akkużat mhux ħati skond l-att ta' l-akkuża, imma ħati talli eċċeda d-difiża leġittima;

Rat id-digriet mogħti minn dina l-Qorti l-lum stess qabel dina s-sentenza, li bih il-verdett ġie nterpretat bħala li l-akkużat hu ħati ta' omiċidju volontarju skużabbli minħabba eċċess ta' difiża;

Rat l-art. 225, 241(d) u 242(3) tal-Liġi Kriminali;

Tikkundanna lill-imsemmi akkużat Manwel Mercieca għall-piena tal-priġunerija għal żmien **tmien snin.**